*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**AĠENDA NUMRU 17 –8 ta' Lulju 2020**

***Minuti tas-sbatax-il laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar id-8 ta' Lulju, 2020 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fil-Kunsill Lokali fis-6:00 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 17. Il-laqgħa bdiet fl-6:15pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija:** **Ħadd**

**Assenti :** **Ħadd**

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Ufficċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

**17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
Ma kien hemm l-ebda kunsillier li ma kienx preżenti.

**17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**
Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea ppropona li l-minuti jiġu approvati kif preżentati. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Philip E. Zammit. Il-minuti ġew approvati unanimament.

**17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**
Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li Triq il-Qamħ kienet lesta kompluta anke miż-żebgħa tat-triq. F'dawn il-ġranet inbdiet ukoll Triq J. P. Vassallo li ser tingħata wiċċ ġdid wara li din issa hija kompluta mill-bini.

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea irringrazzja lill-Kunsilliera għas-sehem tagħhom f'kull attivita li qed tittella'.

**17.4 Impjegat Philip Gatt**
Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li l-mozzjoni li kien miftiehem li ser jippreżenta qabel il-laqgħa ma saritx, pero hu min-naħa tiegħu ser jinforma lill-Kunsill bl-iżviluppi kollha li kienu saru. Din il-mozzjoni kienet ser tiġi fformulata fl-istess laqgħa.

Il-Kunsillier David Battistino qal li la l-mozzjoni ma ġietx preżentata, il-grupp tal-PN ser jisma dak li qed jingħad biss u jipparteċipa biss skont dak li jkun ser jintqal. Huwa qal li qed jinsisti li l-affarijiet ikunu bil-miktub sabiex jinżammu r-rekords ċari.

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea semma' li Philip Gatt kien impjegat tal-Kunsill. Fil-bidu kien b'kuntratt definit imbaghad fl-2013 inqaleb għal wieħed indefinit. F' Diċembru 2013 wara li kienu bdew investigazzjonijiet mill-Pulizija fuq allegat każ ta' tixħim mill-istess Philip Gatt, il-kunsill issospenda mill-post tax-xogħol lil Philip Gatt b'nofs paga, liema nofs paga kienet għadha għaddejja.

Skont is-Sentenza mogħtija mill-Qorti f'Diċembru 2018 (Il-Pulizija vs. Philip Gatt), kien hemm ammissjoni minn Philip Gatt għat-tlett akkużi fl-istess Qorti. L-istess Qorti sabet ħati lil Philip Gatt fuq akkuża waħda li kienet it-tielet akkuża hekk kif speċifikat fis-sentenza mehmuża. Għal din il-ħtija l-istess qorti, ikkundannat lil Philip Gatt għal 180 siegħa xogħol fil-kommunita, li jrodd lura l-Eur1000 favur il-Gvern u li jitħallsu l-ispejjeż peritali. (Irreferu ghas-Sentenza Il-Pulizija vs. Philip Gatt li tinsab mehmuża).

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li l-Kunsill preċedenti ma wasalx għal-deċiżjoni għal diversi raġunijiet. Dan il-Kunsill huwa l-obbligu tiegħu li jiddeċiedi. Apparti minn hekk il-Bord tal-Governanza intalab jinvestiga minħabba d-dewmien għal din id-deċiżjoni.

Is-Sindku qal li l-aħħar talba verbali li kien hemm hija li dan jingħata il-kumplament tan-nofs paga minn meta nqatgħet is-sentenza l'hawn, filwaqt li min-naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali id-Direttur Generali talab li Philip Gatt jkun sekondat mal-istess Dipartiment. Din l-email bit-talba tad-Direttur Ġenerali kienet diġa ġiet iċċirkolata aktar kmieni qabel l-istess laqgħa mal-Kunsilliera kollha.

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li mhux qiegħed fil-laqgħa sabiex jiddetta id-deċiżjoni u li kulħadd jinsab fil-liberta tiegħu sabiex jesprimi l-vot tiegħu kif jixtieq. Is-Sindku kompla jgħid li min-naħa tiegħu, huwa qed jimxi mal-pariri li qed jagħtih l-Avukat Pawlu Lia, liema parir huwa li dan l-impjieg għandu jiġi tterminat abbażi tas-sentenza tal-Qorti.

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea għamel referenza għal ittra mibgħuta mill-Avukat Edward Gatt mibgħuta fis-7 ta' Lulju 2020 fejn dan kiteb dwar pendenzi li baqalhom jitħallsu u fejn talab ukoll li Philip Gatt 'jsemma l-verżjoni tiegħu'. Il-Kunsillier Philip E. Zammit qal li l-Kunsill m'għandux għalxhiex joħroġ l-ebda flejjes għaliex dawn huma fondi pubbliċi u

għalhekk huma flus il-poplu. Huwa qal ukoll li dawn l-aħħar ftit jiem Philip Gatt kien qed jaħdem fil-post tax-xogħol tiegħu. Il-Kunsillier Philip E. Zammit iddikjara li m'għandu l-ebda kunflitt ta' nteress u iddikjara wkoll li ma jaqbilx li għandu jingħata xi flus.

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li Philip Gatt huwa pazjent tiegħu, pero mhux ser iħalli xejn jaffetwalu d-deċiżjoni tiegħu. Kien huwa stess li ordna li minħabba kumment li kien għamel fil-laqgħa ta' Mejju, in-nofs paga ta' Ġunju m'għandiex tingħata għalissa.

Il-laqgħa kienet sospiża fuq proposta tas-Sindku sekondata mill-Kunsillier David Battistino fis-7:30pm. Il-laqgħa tkompliet fis-7:50pm.

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li fil-ħin li l-laqgħa kienet sospiża, huwa tkellem mal-Avukat Pawlu Lia fejn flimkien mal-Avukata Phyllis Aquilina ġiet fformulata mozzjoni.

Għaldaqstant is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea ppropona li:

*Wara li l-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ ra s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 11 ta' Diċembru 2018 fil-każ Il-Pulizija vs Philip Gatt (160073M) u ra l-ammissjoni ta' Philip Gatt tal-akkużi kollha miġjuba kontrih u s-sejbien tal-ħtija mill-Qorti fuq l-akkużat li hi 'talli flistess data, ħin, lok u ċirkostanzi, wiegħed, ta jew offra, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil persuna oħra li jasserixxi jew jikkonferma li huwa ikunu kapaċi li jagħmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli preċedenti, taħt is-Sub-Titolu IV tal-Kapitolu 9 u ta' xi persuna oħra, sabiex iġiegħel lil dik il-persuna oħra teżerċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra għal xi ħadd ieħor', kopja tas-sentenza se tkun annessa ma'din il-mozzjoni, il-Kunsill qed jiddeċiedi li jittermina b'effett immedjat l-impjieg ta' Philip Gatt (160073M) bħala Projects Manager fi ħdan l-istess Kunsill Lokali.*

Proponent: Dr. Malcolm P. Galea
Sekondant: David Battistino (f'isem il-Kunsilliera tal-PN)

Ittieħed Vot.
Voti Favur: Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea, il-Kunsilliera David Battistino, Mark Camilleri, Patrick Bonnici, Philip Edrick Zammit, Clive Azzopardi, Steve Zammit Lupi, George Cortis, Kevin Glynn.

Voti Kontra: Ħadd

Astensjonijiet: Ħadd

Il-vot kien wieħed unanimu.

Il-parir tal-avukati kien saħansitra jistabilixxi li s-Segretarju tal-Kunsill għandu jinfurma lil Philip Gatt bid-deċiżjoni mmedjatament pemezz ta' i-mejl, filwaqt li tintbaghat ittra oriġinali bl-idejn.

Wara diskussjoni, il-Kunsill informa lis-Segretarju li l-formula ta' terminazzjoni t'impjieg għandha tinkiteb ir-raġuni li Philip Gatt ġie mkeċċi fuq ragunijiet dixxiplinarji.

Il-Kunsill qabel ukoll li, ladarba Philip Gatt ma kienx ghadu fl-impjieg mal-Kunsill, it-talba biex jigi sekondat mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma setgħetx tintlaqa'.

**17.5 PA1292/19 - LIDL**

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea qal li ser jirrappreżenta lil kunsill huwa waqt is-smiegħ tal-Planning Authority. Huwa qal li ser jwassal il-vuċi tal-kunsill hekk kif diġa ġiet deċiża waqt laqgħa tal-kunsill preċedenti. Ser ikun hu ukoll li jivvota f'isem il-kunsill.

**17.6 Pjazza Pedonali**

Ġie deċiż li l-attivita fil-pjazza pedonali li jmiss hija għall-15 t'Awwissu 2020. Ser issir laqgħa apposta mal-każini.

**17.7 Vot tal-Flus**

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Galea ppropona li l-vot tal-flus jiġi approvat kif preżentat. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Clive Azzopardi. Kien hemm qbil unanimu.

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qal li ġab stima sabiex jinżabru s-siġar kif suppost li hemm fi Triq Sciortino L-ammont huwa ta' Eur2,700 nkluż il-VAT. Huwa qal ukoll li bħalissa qed jitweħħlu it-tabelli dwar l-indafa.

Il-Kunsillier Patrick Bonnici qal li huwa flimkien ma' Steve għamlu pond fi Ġnien l-Infetti, filwaqt li qal ukoll li x-xogħol fuq il-Heritage Trail miexi ġmielu. Issemma' wkoll li ser issir NightHike nhar is-17 ta' Lulju 2020.

Il-Kunsillier George Cortis qal li jixtieq li jsiru diskussjonijiet mal-Ministru responsabbli dwar l-annimali sabiex isir animal shelter fejn hemm Gnien l-Indipendenza. Qal li tkun ideja tajba u żgur li tkun popolari.

**17.8 Tmiem tal-laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fid-9:15pm u ġiet aġġornata għall-ewwel Erbgħa tax-xahar t'Awwissu. Ġie deċiż li kull l-ewwel Erbgħa tax-xahar tibda ssir il-laqgħa tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| **Dr. Malcolm P. Galea** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

## *KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ*

,

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*